# PRIM’AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta’ nhar it-Tnejn, 11 ta' Ottubru 1999.**

**Numru 80**

**Citaz. numru 914/93 DS**

Joseph Tonna ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ Fenton Woodworks Limited
vs
Doris Poulton mart Jeffrey u l-istess Jeffrey Poulton bhala kap tal-komunjoni ta’ l-akwisti u bhala amministratur tal-beni parafernali ta’ martu

Illum, 11 ta’ Ottubru 1999

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-2 ta’ Awissu 1993 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta illi l-konvenuti huma debituri tas-socjeta' attrici fis-somma ta' seba' mija u sittin lira (Lm760) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' xoghol ta' injam maghmul mis-socjeta' attrici fl-interess u fuq inkarigu tal-konvenuti.

Illi l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu din is-somma izda baqghu inadempjenti.

talab lil din il-Qorti tikkundannahom ihallsu lill-attur nomine s-somma ta' seba' mija u sittin lira (Lm760) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' xoghol ta' l-injam maghmul mis-socjeta' attrici fl-interess u fuq l-inkarigu tal-konvenuti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-20 ta' Mejju 1993 u bl-interessi mid-data tal-konsenja u bis-subizzjoni tal-konvenuti.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn qalu:

1. Illi l-azzjoni hija intempestiva ghaliex l-attur qatt ma baghat interpellazzjoni jew kont lill-konvenuti;

2. Illi fil-mertu l-ammont pretiz mhux dovut ghaliex ix-xoghol huwa inkompjut u ma sarx skond l-arti u s-sengha.

Salvi eccezzjonijiet ohra u bir-riserva ta' kull azzjoni fil-ligi.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tat-2 ta' Mejju 1994 li permezz tieghu gie nominat Alfred Camenzuli bhala perit tekniku;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fis-16 ta' April 1999;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:

<u>Dwar l-ewwel eccezzjoni</u>: F'din l-ewwel eccezzjoni l-konvenuti qed jeccepixxu l-intempestivita' ta' l-azzjoni peress li l-attur qatt ma baghat interpellazzjoni jew kont lill-konvenuti. Fid-dikjarazzjoni guramentata ma jissemma xejn dwar intempestivita' izda kontestazzjoni tat-tieni paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici fis-sens li qatt ma rcevew talba ghall-hlas. Issa waqt ix-xiehda moghtija quddiem l-espert tekniku mill-konvenuti dawn ma qalu xejn dwar din il-kontestazzjoni. Mill-banda l-ohra kemm l-attur nomine kif ukoll il-ko-proprjetarju Joseph Fenech xehdu li ntbaghat il-kont. L-attur nomine anke qal li cempel lill-konvenuta dwar il-bilanc mitlub. Barra minn hekk esebew kopja ta' ittra interpellatorja mibghuta mill-Avukat taghhom. Inoltre jigi osservat li fi kwalunkwe kaz m'hemm xejn fil-ligi li jobbliga lill-kreditur jinterpella lid-debitur qabel ma jittiehdu proceduri gudizzjarji, u lanqas ma gie miftiehem bejn il-partijiet li ghandu jkun hemm interpellazzjoni qabel ma jittiehdu tali proceduri. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti hi insostenibbli.

Dwar it-tieni eccezzjoni: Jirrizulta li l-konvenuti ordnaw tmien bibien, u sussegwentement bieb iehor, bil-prezz ta' disghin liri Maltin (Lm90) il-bieb. Dawn kienu tal-"fibre board", ossia kif ighid il-perit tekniku fir-relazzjoni tieghu, tat-tip "thumble doors". Jidher li l-konvenuti ghamlu xi lmenti u ntbaghtu xi haddiema biex jaghmlu xi arrangamenti fuq il-post. Il-proceduri odjerni kellhom jitiehdu peress li l-konvenuti naqsu li jhallsu l-bilanc dovut lis-socjeta' attrici.

Il-perit tekniku acceda fuq il-post u kkonstata xi nuqqasijiet fil-bibien in kwistjoni. Dawn jinsabu elenkati fil-verbal ta' l-access kif ukoll fir-relazzjoni tieghu u qed issir referenza ghalihom a skans ta' ripetizzjoni. Minhabba tali difetti huwa ssottometta li l-prezz ta' kull bieb ghandu jigi ridott bi hmistax-il liri Maltin (Lm15) ghal hamsa u sebghin liri Maltin (Lm75) il-wiehed, biex, wara li titnaqqas ukoll is-somma mhallsa akkont ta' hamsin liri Maltin (Lm50), jibqa' bilanc ta' sitt mija u hamsa u ghoxrin liri Maltin (Lm625).

Dwar ir-relazzjoni jirrizulta li d-difensur ta' l-attur nomine rrimetta ruhu ghaliha filwaqt li ghalkemm inghata zmien adegwat lill-konvenuti biex jaghmlu nota ta' osservazzjonijiet, dawn naqsu li jipprezentaw tali nota.

F'dawn ic-cirkostanzi u wara li l-Qorti ezaminat il-provi prodotti, ma ssibx li ghandha ghalfejn tvarja mill-konkluzjoni peritali li tidher gusta u timmerita konferma.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, filwaqt li dwar it-tieni eccezzjoni tipprovdi billi, ghar-ragunijiet premessi, tirriduci t-talba attrici ghas-somma ta' Lm625 u b'hekk tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur nomine s-somma ta' Lm625 bl-imghax mid-data tac-citazzjoni. Bl-ispejjez li jithallsu kwint mill-attur nomine u erba' kwinti mill-konvenuti.

Grazio Galea
D/Registratur